# IT-TLETIN HADD MATUL IS-SENA GHAN-NISRANI, L-IMHABBA KOLLOX

Contributed by Frans Galea
Saturday, 28 October 2017

Din
hija il- Liturgija tat-Tletin Hadd matul is-Sena ( 2017 ) bi hsibijiet min Joe Rapa.

Ir-reli!jonijiet kollha tad-dinja jistrie'u xi
ftit jew wisq fuq sett ta’ li!ijiet morali li juru lill-bniedem il-mod
rispettabbli kif g'andu jg'ix. F’dan
ir-rigward, ir-reli!jonijiet kwa|i kollha g'amlu !id g'ax “immansaw”
lill-bniedem u firduh mill-'ajja
selva!!a tal-annimali. Naturalment,
fl-antik, kien hemm reli!jonijiet pagani li flok immaturaw lill-bniedem kienu rifless
tal-istint annimalesk li kultant jisponta fina.
Kien hemm reli!jonijiet ta’ sagrifi ji umani, per e|empju. Imma !eneralment, il-morali reli!ju|a
g'olliet lill-bniedem ’il fuq mil-livell tal-'lejjaq l-o'ra.

Anke l-Kristjane|mu minn dejjem kellu xi forma
ta’ “guide-lines”, jew pre etti li fuqhom in-Nisrani serju kellu jimxi. Wara kollox il-Kristjane|mu 'are!
mill- udaji|mu, ir-reli!jon tal-Lhud, reli!jon li kienet ibba|ata fuq il-Li!i
ta’ Mosè u tant u tant pre etti o'ra li da'lu matul i|-|mien biex iservu ta’
sur madwar dawk l-G'axar Kelmiet primittivi li inag'taw fuq is-Sinaj.

Imma l-Kristjane|mu mhux reli!jon
tal-Li!i. Kristu nnifsu kien akku|at li
kien jikser erti pre etti ’l hemm u ’l hawn u aktar minn darba 'adha

mal-Fari|ej li kienu legalisti primi.
Kristu g'araf li l-Li!i hi mejta ming'ajr l-Ispirtu.  Dan hu mportanti li nirriflettu 'afna fuqu
g'ax 'afna minnha huma legalisti puri li joqog'du attenti li ma tg'addix nemusa
minn !ol-g'arbiel tag'hom, kif jg'id il-Mulej, imma mbag'ad i'allu jg'addi
!emel.  Dan hu serju.

Il-Kristjane|mu mhux reli!jon imma A'bar!  Huwa l-A'bar it-Tajba, l-Evangelium,
il-Kerigma tas-Sinjur Tag'na Sidna  esù Kristu.
Dan jista’ jfixkel, g'ax g'al 'afna sekli l-Kristjane|mu !ie ridott g'al
reli!jon o'ra.  Il-Kristjane|mu j'abbar
fatt li !ara storikament.  Min jemmen fih
hu salv.  Dan il-fatt hu li fi |mien
storiku, il-Missier bag'at lil Ibnu fid-dinja liebes la'am b'al tal-bnedmin,
mag'ruf b'ala  esù ta’ Nazaret, biex Hu jg'ix l-esperjenza tal-G'id, ji!ifieri
jid'ol fil-Passjoni, l-Mewt u d-Difna, imma biex jo'ro! rebbie' bil-Qawmien
mill-Mewt, opra tremenda tal-Missier, u hekk juri li l-Mewt, l-akbar g'adu
tal-bniedem, intreb'et.

Dan hu l-ba|i tal-Kristjane|mu... iktar minn
xi Li!i jew xi pre ett morali.  Li
jag'mlek Nisrani hu l-fatt li int !ejt mog'ti l-Grazzja stupenda tal-Fidi f’dan
il-Misteru tal-G'id ta’ Kristu.
Ji!ifieri, int tag'raf u temmen li Kristu bata u miet espressament
g'alik, g'ax id-dnubiet tieg'ek ma setg'ux jin'afru ming'ajr din l-offerta ta’
Alla nnifsu b’risq tieg'ek.  Dan hu ta’
mportanza enormi.  G'andna b|onn din
il-laqg'a 'ajja ma’ dan Kristu li 'allas tant g'alina.  Biex wie'ed jid'ol f’dan il-Misteru, l-ewwel
irid jag'raf lilu nnifsu, jag'raf id-dnub tieg'u, jibqa’ mistag'!eb kemm kien
imqarraq meta kien ji!!udika lil 'addie'or u kien ja'seb li hu O.K. g'ax dejjem
sab ra!unijiet g'all-i|balji tieg'u.

Min ma jag'rafx id-dejn tieg'u mal-Missier ma
jista’ qatt jifhem g'aliex Kristu kellu jbati tant, u Alla, li ma jafx x’inhi
Mewt, kellu jid'ol fil-Mewt g'alih.  Int
tasal biex tg'id li Kristu miet g'al dak il-'alliel, jew g'all-ie'or li hu
qattiel, jew g'al dik il-prostituta, jew l-ie'or li jmexxi d-droga...  u hekk tkun qed taqta’ lilek innifsek
mis-Salvazzjoni ta’ Kristu.  G'ax isalva
biss min jemmen fil-Misteru tal-G'id ta’ Kristu.  Dan tg'idu l-Iskrittura l-'in kollu.  Mhux ta’ b’xejn li l-Mulej qal li
l-prostituti u l-pubblikani kienu iktar qrib is-Saltna, g'ax ndubhom kien
f’idejhom.  &add minnhom ma kien
jiddubita li kien midneb prim.  U
g'all-midneb !ie Alla fid-dinja.

Min jiskopri din l-Im'abba ta’ Alla, tinbet
fih Im'abba re iproka lejn minn bata tant g'alih u 'abbu tant meta kien g'adu
tieg'u.  Il-midneb li jg'addi minn din
l-esperjenza, jibqa’ mbellah bil-!enero|ità ta’ Alla mieg'u!  U r-ri|ultat ta’ dan ikun li l-!rie'i nterni
tieg'u li kienu g'amluh egoista u midneb, jinxfulu, ifiqulu, b’tali mod li ma

ja'sibx iktar fih innifsu, ma ji!bidtx iktar lejh, imma l-Im'abba timbutta'
lejn l-“ie'or”, lejn il-proxxmu.  Dan
b'al wie'ed li jkollu darsa tu!g'u. Ma jkollu mo'' 'add.  &siebu kkon entrat fuq dak li qed i'oss
hu.  Ma jistax ja'rab l-u!ig'
tieg'u.  Imma jekk tfieqlu d-darsa,
allura kapa i jag'ti kasek.  Dan hu li
jse'' fil-konver|joni.

Allura, altru li l-Kristjane|mu mhux
Li!i.  Il-Kristjane|mu hu M'abba, u
kontra l-Im'abba m’hemm l-ebda Li!i.
Kristu tkellem fuq kif ikun in-Nisrani.
Hu tana ritratt tan-Nisrani fid-Diskors tal-Muntanja.  Mur prova g'amel Li!i minnu dan id-Diskors,
isa!  &add mhu kapa i li jibda jg'ix
dan.  Id-Diskors tal-Muntanja huwa erba’
darbiet itqal mill-G'axar Kmandamenti.
Kristu ma tahulniex b'ala Li!i, imma ried jurina x’kapa i tag'mel
l-Im'abba bil-bniedem.  &add minnha mhu
kapa i jg'ix l-G'axar Kmandamenti, a'seb u ara d-Diskors tal-Muntanja, imma min
jiskopri li Alla hu nnamrat mieg'u/mag'ha, jin|el fih l-Ispirtu tal-Im'abba, li
hu l-Ispirtu s-Santu u huwa Dan li jag'mel il-bniedem jg'ix mhux biss l-G'axar
Kmandamenti imma wkoll id-Diskors tal-Muntanja.
Il-Li!i ma ssalvax, imma l-Im'abba li titnissel mill-Fidi f’dak li
g'amel  esù g'alina, iva.

L-Ewwel Qari

Dak li ntqal lill-Poplu ta’ Alla, tant u tant
sekli ilu, g'adu 'afna relevanti g'alina llum.
Hi tal-g'a!eb il-Kelma ta’ Alla fir-relevanza eterna tag'ha.  Il-poplu hu m'e!!e! mill-Mulej biex ma
ja'qarx lill-barrani, lir-refu!jati ta’ |mienna, “g'ax barranin intom ukoll
kontu fl-art tal-E!ittu”  (v. 20),
ig'idilhom.  Il-barrani li hu mbieg'ed
minn artu, di!a qed ibati minn solitudni, minn insigurtà g'ax imbieg'ed
mill-veru ambjent tieg'u.  Huwa l-miskin,
u qalb Alla tin'all g'at-tbatija tal-imsejken.
M’g'andux fuq min idur, u g'all-kuntrarju, jsib min i'ares lejh bl-ikrah
donnu qed jisraq xi 'a!a.  &afna minna
l-Maltin u l-G'awdxin kienu “refu!jati”, barranin, emigrati ’l bog'od minn
pajji|hom min'abba ra!unijiet ta’ ekonomija u xog'ol.  Niftakar kemm kien ikun hawn t'assib dari
meta kienu jg'idu li l-Awstralja jew l-Amerika kienu se jag'alqu bwiebhom
g'all-emigranti.

Issa l-folja nqalbet u a'na qeg'din
f’sitwazzjoni fejn a'na mitluba minn Alla nnifsu biex ng'inu lil 'addie'or li
!ie g'andna mhux g'al kwistjonijiet ekonomi i, 'afna drabi, i|da ma'rubin minn
mo'qrija tal-bi|a’ u gwerer li nsejna x’inhuma li qed i'arbtu l-artijiet
g'e|ie| tag'hom.  Dawn ma humiex fostna
b’kapri  !  Kemm nies, u l-aktar tfal,

'alsu b’mewt kiefra l-'arba tag'hom ta’ bil-fors minn pajji|hom.  Hu veru li hemm il-bi|a’ ta’ taqliba  kulturali u anke reli!ju|a fil-pajji|.  Imma dawn in-nies huma okka|joni g'alina li ng'oddu ru'na b'ala Nsara, biex bl-e|empju tag'na nuruhom min hu Kristu u nrattbulhom qalbhom g'aliH, Hu li fuqu ftit li xejn semg'u.  G'andna missjoni hawn, u l-Mulej, b’dan il-qari, qed jistenna li a'na nwettquha.

Qari
mill-Ktieb tal-E|odu.  22, 20-26

Dan ig'id il-Mulej: “La ta'qarx il-barrani, u la tg'akksux, g'ax intom ukoll kontu barranin fl-art ta' l-E!ittu. La ta'qrux l-armla jew l-iltim, g'ax jekk ta'qruhom, u huma jsejj'uli, jien |gur nismag'ha l-g'ajta tag'hom; u l-qilla tieg'i tixg'el, neqridkom bix-xabla; u n-nisa tag'kom jormlu u wliedkom jisfaw iltiema.

“Jekk inti tislef lil xi fqir mill-poplu tieg'i, i!!ibx ru'ek mieg'u b'al wie'ed sellief, u te'odlux img'ax. Jekk lil g'ajrek te'odlu l-libsa tieg'u b'ra'an, ag'tihielu lura qabel in|ul ix-xemx;  g'ax hu dik biss g'andu biex jitg'atta, dik biss l-g'ata ta' !ismu; inkella fiex tridu jorqod? G'ax jekk isejja'li, jiena nisimg'u, g'ax jien 'anin.”

Salm Responsorjali

F’dawn il-kitbiet tag'na, 'afna drabi g'afasna fuq il-'tie!a li niskopru l-Wi   veru ta’ Alla; niltaqg'u f’laqg'a 'ajja mieg'U; insiru nafu dejjem aktar Hu min hu; inpo!!u ru'na fi pro ess, f’mixja, fi vja!! lejn dan il-Misteru meravilju| ta’ Alla li lilna jafna, wie'ed wie'ed, imma li a'na ftit li xejn nafuH, anke jekk nafu 'afna dwaru.

Li wie'ed jiskopri lil Alla jfisser li jinteba', bi Grazzja, l-g'oli, il-fond, il-wisg'a tal-Im'abba li ma titwemminx li Hu g'andu g'alik, g'alija, g'alina, sa'ansitra meta a'na ni!u naqg'u u nqumu minnu.  Il-bniedem li jiskopri lil Alla, jag'raf li Alla hu sur g'alih kontra x-xjaten g'edewwa li sikwit ikissruna minn !ewwa.  Alla hu l-qawwa u l-blata tag'na, il-fortizza u l-'ellies tag'na  (v. 3) fi |mien meta ma nkunux komdi u aljenati, imma mdawrin mill-inkwiet tal-&ajja.

Hawnhekk g'andna biss silta kejkna minn Salm
twil wie'ed u 'amsin vers. Banda o'ra
jg'id: “Imwie! tal-mewt 'akmuni, widien tal-bi|a’ werwruni, 'bula tal-imwiet
dawruni, xbiek tal-mewt inqaleb fuqi.”
(vv. 5-6). Minn minna qatt ma
g'adda minn esperjenza li dan is-salm jiddiskrivi bi Kliem poetiku u sabi'. Minn minna, spe jalment ta’ erta età, qatt ma esperjenzja mumenti f’&ajtu meta xxennaq b’qalbu kollha li jkollu Fidi
ikbar, ertezza akbar li Alla mhux se
j'allih wa'du, li mhux se jpattihielu g'ad-dnubiet li g'amel meta kien
komdu? Min minna qatt ma xtaq b’qalbu
kollha li jserra' mo''u b’Alla fl-inkwiet tieg'u? L-esperjenza kollox, u l-esperjenzi 'arxa
jibnulna l-Fidi g'ax hu hemm li niltaqg'u ma’ Alla li jissorprendina bil-ma'fra tieg'u u
bl-g'ajnuna tieg'u. G'ax is-Salm ikompli
jg'id: “Fil-hemm tieg'i lill-Mulej sejja't, tlabt l-g'ajnuna ’l Alla tieg'i; hu
sama’ le'ni mit-tempju tieg'u, f’widnejh waslet l-g'ajta tieg'i.” (v. 7).

B'alma l-mu|ika trattab il-qalb, hekk, u anke
iktar minn hekk, is-Salmi j'ollu l-id kies'a li sikwit tag'fas madwar qalbna u
jsa''nuhielna u jimlewhielna b’Tama !dida.
Ikun imbierek Alla li darba wara darba ja'frilna u jag'tina r-reb'a fuq
il-mewt li ddur madwarna.

Ritornell: In'obbok, Mulej, qawwa tieg'i.

Salm 18

N'obbok, Mulej, qawwa tieg'i!

Il-Mulej blata tieg'i,

fortizza u 'ellies tieg'i.

Alla tieg'i, sur tal-kenn tieg'i u tarka tieg'i,

qawwa tas-salvazzjoni tieg'i u kenn tieg'i!

Nsejja' il-Mulej, li hu ta' min ifa''ru,

u nkun me'lus mill-g'edewwa tieg'i.

&aj il-Mulej! Mbierek hu, il-blata tieg'i!

Ikun imfa''ar Alla  tas-salvazzjoni tieg'i!

Hu jkabbar ir-reb' lis-sultan tieg'u,

juri m'abbtu mal-midluk tieg'u.

It-Tieni Qari

L-Ewwel Ittra
lit-Tessalonkin, li partijiet minnha se jinqraw f’dawn l-a''ar &dud tas-Sena
Litur!ika, kienet l-ewwel Ittra li kiteb Pawlu lill-komunitajiet tieg'u.  Hija l-iktar Ittra antika tieg'u.

Huwa jfa''ar lill-a'wa
ta’ Tessalonika, belt sinjura tal-Ma edonja, illum fil-Gre ja.  Kien hawn li Pawlu kellu l-ewwel fara! u
success fil-Missjoni kbira tieg'u li jxandar il-Mewt u l-Qawmien ta’ Kristu
lill-pagani.  Hu jg'id li l-a'wa
tat-Tessalonika kienu laqg'u bil-fer' l-A'bar li !abilhom u 'ajjithom inbidlet
g'al kollox tant li saru jixb'u lilu fl-Im'abba tag'hom g'al Kristu.  B’hekk huma saru sinjal g'all-pagani ta’
madwarhom u !ibdu lejn Kristu !mieg'i !odda.

Huma kienu j'obbuhom
'afna lil Pawlu u lil s'abu li kienu jevan!elizzaw mieg'u, g'ax fihom kienu
jaraw l-“An!li tal-Mulej” li taw 'ajjithom g'alihom biex iwasslulhom l-A'bar li
Alla bag'at lil Ibnu fid-dinja biex kull min jemmen fih ikun  ert
mis-salvazzjoni dejjiema u mill-Im'abba divina.
F’Pawlu kienu jaraw dak il-bniedem li bih Alla kien qalag'hom mill-qima
lejn l-idoli mejta tad-dinja.

A'na
lkoll nafu xi tfisser din il-qima lejn l-idoli mejta tad-dinja.  Id-dinja hi mimlija allat foloz: flus, fama,
su  ess, sa''a, affetti, passatempi, xiri... kull fejn t'ares tara idoli li jweg'duk
il-fer', il-&ajja u jippruvaw inissuk li fil-fatt kollox qed imut madwarek, u
int mag'hom.  Huma j!ennu n-nies li
jemmnu 'afna fihom, imma mhux veru, le mhux veru li jsolvulek il-problema
 entrali tal-&ajja tag'na: il-bi|a’ tal-mewt.

Dan il-bi|a’ tal-mewt jie'u 'afna forom; hi qag'da psikolo!ika profonda
'afna.  Anke meta l-anqas li na'sbu dwar
dan, !isimna jaf li qieg'ed il-'in kollu jmut, b'al sufarell tal-festa li
jag'mel 'afna storbju, imma li fl-istorbju u s-sbu'ija tieg'u qed ja'raq
'ajtu.  Hekk a'na lkoll, u dan il-misteru
jiddominana u jaffettwa kull 'a!a li nag'mlu.

Il-bniedem
imbieg'ed minn Alla, j'ossu wa'du quddiem dan kollu u ma tti'x tort li jsir
egoista, kif di!a semmejna fil-bidu ta’ din il-kitba.  Huwa jdur lejn l-idoli mejta tad-dinja biex
iserr'uh minn din ir-rejaltà.  In-Nisrani
jemmen li Kristu huwa l-Wa'dieni li reba' il-mewt.  &add 'liefu ma jista’ jag'tina dak li qalbna
hi ma'luqa g'alih.  Imbierek il-bniedem
li jistenna l-Mi!ja glorju|a tal-Mulej f’&ajtu.
Alla ma jiddi|appuntax.
It-Tessalonkin indunaw bid-differenza bejn il-Mulej li hu &aj u l-idoli
mejta, u daru lejH b’qalbhom kollha.

Qari mill-Ewwel Ittra ta’
San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin.  1,
5c-10

&uti: intom tafu kif !ibna
ru'na meta konna fostkom g'all-!id tag'kom.  Intom sirtu tixbhu lilna u l-Mulej, billi lqajtu
l-kelma fost 'afna ta'bit bil-fer' ta' l-Ispirtu s-Santu.  Hekk intom sirtu mudell
g'al dawk kollha li emmnu fil-Ma edonja u l-Akaja.  Mhux biss il-kelma tal-Mulej 'ar!et minn g'andkom u
xterdet fil-Ma edonja u l-Akaja, imma l-fidi li g'andkom f'Alla xterdet ma'
kullimkien b'mod li a'na ma g'andna g'alfejn ng'idu xejn.  Huma stess jg'idu x'laqg'a
kellna g'andkom, u kif dortu lejn Alla u tlaqtu l-idoli biex taqdu lil Alla 'aj
u veru  u tistennew
!ej mis-sema lil Ibnu, li hu qajjem mill-imwiet,  esù li 'elisna mill-korla li
!ejja.

Evan!elju

 esù Kristu se jg'olli le'nu
u jlissen il-Kelmiet qaddisa u misterju|i tax-Shemà.  “Shemà” hi Kelma Ebrajka li tfisser
“Isma’”
bil-lingwa tag'na.  Meta Alla jg'idlek
“Isma’”, “Shemá”, ikun tassew irid isemmag'lek xi 'a!a ta’ mportanza enormi
g'as-salvazzjoni eterna tieg'ek.   esù se
jg'idilna x’inhu dak li hu mportanti g'al qalb Alla.  Imma qabel ma ni|velaw din is-sentenza
memorabbli, 'a ng'idu xi 'a!a fuq kwistjoni polemiku|a mmens li kienet rampanti
fi |mien  esù, u g'adha hekk sal-lum.

Il-kwistjoni kienet: “X’post g'andha jkollha l-Li!i fil-&ajja tal-bniedem? X’post g'andha jkollha l-morali fil-&ajja tan-Nisrani?”  Din hi kwistjoni li 'afna jitmas'nu fuqha llum ukoll, u se tibqa’ sal-a''ar ta|-|mien. Il-bniedem matur jag'raf il-bassezzi tieg'u; jaf kemm malajr kapa i jinbidel u lanqas jg'arfuh dawk li jafuh. Il-bniedem hu dg'ajjef u mi!bud ’l hawn u ’l hinn mill-passjonijiet u l-egoi|mi tieg'u.  G'alhekk il-bniedem jemmen 'afna fil-Li!i u jib|a’ li ming'ajr is-setg'a tal-Li!i kollox jirritorna lura lejn ir-renju tal-!ungla, fejn min hu b’sa''tu jag'mel li jrid fuq il-bqija, b'alma jse'' fl-ambjent tal-annimali: “survival of the fittest”.  Il-bniedem li jirra!una 'oloq il-Li!i biex jag'ti  ans  u jkun !ust ma’ kul'add, u dan g'amlu anke bl-g'ajnuna tal-intervent ta’ Alla.

Dan ir-ra!unar legali da'al ukoll fir-reli!jonijiet, kif di!a g'idna. Imma l-ossessjoni sa fl-intietef tal-Li!i g'amel mill-bniedem “reli!ju|” ipokrità.  L-ubbidjenza tal-Li!i, spe jalment f’g'ajnejn in-nies, saret g'odda g'all-istima u g'all-po|izzjoni fis-so jetà, iktar milli biex wie'ed ikun !ust quddiem Alla.  Minoranza ta’ Lhud indunaw b’dan u bdew jattakkaw lil dawn il-legalisti li waqt li jippruvaw jobdi l-Li!i, kienu saru nies bla Li!i g'ax kienu ji!!udikaw u ja'sbu 'a|in f’dan, f’dak u fl-ie'or, u meta kienu ja'tfu lil xi 'add fil-ksur tal-Li!i kienu jsiru lpup bla 'niena fil-kastig tag'hom.  Tip ta’ dawn kienu l-Fari|ej, u llum g'andna l-fundamentalisti I|lami i li huma 'afna iktar vjolenti.

Kristu kien l-aktar wie'ed li kien jara l-qalb tal-bniedem u kien jifhem l-i|ball li kienu qed jaqg'u fih dawk li j'ambqu favur il-Li!i.  Il-Li!i li kienet l-iktar g'al qalb dawn in-nies kienet il-Li!i tax-Shabbat, il-Li!i tas-Sibt u l-'arsien tieg'u.  Min kien jikser is-Sibt g'alihom ma kienx fil- emg'a qaddisa; kien maqtug' barra.  Laqnas opra ta’ 'niena ur!enti ma kienet permessa nhar ta’ Sibt, u hawn jo'ro! il-fatt li l-Li!i tista’ tkun kontradittorja, iktar tbeg'dek minn Alla milli tressqek lejH, g'ax taqlag'ha fuq rasha l-Im'abba.  G'al Kristu, u naturalment g'al Alla, l-unika 'a!a li tiswa hija l-Im'abba u dak kollu li jkabbarha u jiddefendiha.  X’jiswa li tosserva s-Sibt biex tqim ’l Alla meta M'abba m’g'andekx la g'aliH u lanqas g'all-proxxmu?  Kollox jidde!enera f’opri g'al wi   in-nies.

Hu g'alhekk li  esù jwie!eb lil min ried ida''lu fil-kotroversja bil-kelmiet tad-Dewteronomju, bix-Shemà:  “Isma’ (Shemà) o I|rael!  &obb il-Mulej, Alla tieg'ek, b’qalbek kollha, b’ru'ek kollha, u b’mo''ok kollu.  Dan hu l-akbar kmandament.  U t-tieni jixbhu: &obb lil g'ajrek b'alek innifsek.”  (v. 37-39).  Santu Wistin 'are! bil-famu|a fra|i tieg'u: “&obb, u ag'mel li trid!”

B’”'obb” hu kien qed jirreferi g'all-Im'abba vera u mhux g'all-egoi|mu
liebes il-libsa pulita tal-im'abba umana li fuqha jinbnew 'afna |wi!ijiet li
jitfarrku malajr. Jekk t'obb tassew
m’intix se tikser il-Li!i. Jekk t'obb
tassew m’intix se tkun egoista, qatt.
Jekk t'obb tassew, tinsa lilek innifsek biex tag'mel il-!id
lill-o'rajn. Jekk t'obb tassew, Alla hu
g'alik fl-ewwel post qabel kollox u dejjem.

Versett: Hallelujah. Missier Sidna esù Kristu idawlilna
l-g'ajnejn ta’ qalbna, biex nag'arfu x’inhi t-tama tas-sej'a tag'na. Hallelujah.

Qari mill-Evan!elju ta’ San
Mattew. 22, 34-40

F’dak i|-|mien :
meta l-Fari|ej, semg'u kif lis-Saddu ej kien saddilhom 'alqhom, n!abru
madwaru, u wie'ed minnhom, g'aref fil-Li!i, g'amillu din il-mistoqsija
biex i!arrbu: "Mg'allem, liema hu l-kmandament il-kbir,
fil-Li!i?" Qallu esù: "&obb lill-Mulej, Alla tieg'ek,
b'qalbek kollha, b'ru'ek kollha, u b'mo''ok kollu.' Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wie'ed. U it-tieni
jixbhu: '&obb lil g'ajrek b'alek innifsek.' Dawn i|-|ew! kmandamenti huma l-qofol tal-Li!i kollha u
tal-Profeti."